**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 280 / 2020**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Brandon Lee Psaila**

Illum, 25 ta' Mejju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Brandon Lee Psaila, 20 sena, bin Jacqueline nee' Borg, imwieled n/a fit-3 ta' Mejju, 1998 u joqghod Arco Flt 2, Triq Vincenzo Maculano, Fgura, ID 189298M., akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fit-8 ta' Marzu, 2019 ghall-habta ta' 10:15 a.m. fi Triq Aldo Moro Marsa:

1. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur l-Art. 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghall-persuna ta' Walid Jadalla Mohamed Abo Assaf u kkagunalu feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Z. Busuttil MD 5936 mill-isptar Mater Dei u dan bi ksur l-Art. 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation li giet imposta fuqu permezz ta' sentenza li giet moghtija lilu mill-Mag. J. Demicoli LL.D. fil-15 ta' Novembru, 2016 u liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel;
4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkometta reat li ghaih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu

mill-Qorti tal-Appell (Imh. A. Mizzi LL.D) fil-5 ta' Lulju, 2017 u liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f' kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Walid Jadalla Mohamed Abo Assaf, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-familja taghhom minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f' kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offizi u l-familja taghhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-1 ta' Dicembru, 2020, fejn il-Qorti wara li din il-Qorti rat l-artikoli 28 A, 49, 50, 289, 221 (1), 338 (dd) u l-artikolu 7 tal-Kap 446 ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni stante li preskritta u ma sabitux hati wkoll tat-tielet (3) imputazzjoni stante li ma tirrizultax, u ghalhekk illiberatu minnhom, filwaqt li sabitu hati tat-tieni (2) imputazzjoni kif ukoll li huwa recediv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ikkundannatu ghal xahrejn (2) prigunerija effettivi ghall-istess imputazzjoni kif ukoll, il-Qorti sabitu hati tar-raba' (4) imputazzjoni u din il-Qorti wara li rat l-artikoli 28 A, 28 B u 28 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat illi s-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat nhar il-5 ta' Lulju 2017 u cioe' dik ta' erbgha u ghoxrin xahar (24) pringunerija moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Onor Imhallef Dr A Mizzi, tigi fis-sehh stante illi r-reat li dwaru instab hati l-imputat gie kommess fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza u b' hekk b' kollox l-imputat ghandu jiskonta l-perjodu ta' sitta u ghoxrin xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti **Brandon Lee Pisani** minnu pprezentat fis-17 ta' Dicembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex jogghobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha in kwantu ddikjarat lill-esponenti mhux hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni migjuba kontrih; u
2. Thassarha in kwantu ddikjarat lill-appellant hati tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu kif ukoll li huwa recediv; u
3. B' mod sussidjarju u fl-eventwalita' li t-tieni talba ma tigix milqugha, li wara li tisma l-ufficjal tal-Probation jixhed, tvarja l-piena mposta ghal piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat illi l-esponenti hassu aggravat bid-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti u minnha qieghed jinterponi dan l-umli appell.

## A. Dwar l-Apprezzament tal-Provi in konnessjoni mat-tieni imputazzjoni

### A.1 Generali

Minn qari akkurat tas-sentenza appellata jemergi car kristallin illi l-ewwel Onorabbli Qorti sejset is-sejbien ta' htija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni a bazi tal-verzjoni illi ta' l-parti leza.

Fil-fatt, permezz tas-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi *"il-Qorti hija sodosfatta bil-verzjoni li ta' l-vittma ta' x' gara"*

B' kull dovut rispett imma l-appellant ma jista' qatt jaqbel ma' tali interpretazzjoni tax-xhieda ghax effettivament il-provi juru xorta ohra.

Kuntrarjament ghal dak li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti, l-apprezzament tal-provi ma ghandux isir b' mod spezzetat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex imbaghad il-gudikant ikun jista' jara x' interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil tali provi migbura.

Ghaldaqstant l-esponenti jikkontendi illi huwa ma setghax jinstab hati semplicement fuq analizi individwali u separata tal-provi. Tali provi kellhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Fin-nuqqas li jigri hekk, l-apprezzament tal-provi jsehh a bazi ta' allegazzjonijiet.

Fid-dawl tas-su espost, l-esponenti jaghmel referenza ghal sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti ppreseudta mill-Onor. Imhallef C. Scerri Herrera fil-kawza fl-ismijiet **' Il-Pulizija vs Leonard Sacco'** deciza nhar id-9 ta' Dicembru, 2020:

"Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghallizbalji tal-percezzjoni tieghu u ghall-passjoni, huwa haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad "tot homines tot sentetiae", u lanqas ma jkun gej minn versjonijiet differenti "bona fide" fuq incidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarieda e.g. identita' , velocita' ta' veikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghall-kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setghu gew osservati, allura isir car li wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni tieghu jeghlbuh u b' hekk jabbuza mill-process gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk il-Qorti m' ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma ghandha tezimina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda millversjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilita' u specjalment dawk talkonsistenza u versosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke jekk fuq bilanc talprobabilita' u preponderanza tal-provi, ghax dawn, f' kawzi kriminali, huma generalment sufficjenti ghall konvinciment tal-gudikant."

**A.2 Dwar l-Agir tal-esponenti u l-legittima difesa**

Fid-dawl ta' dan l-aggravju, l-esponenti jaghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **' Il-Pulizija v. David Farrugia'** , deciza nhar is-26 ta' Mejju 2016, per Onor. Imhallef Edwina Grima, fejn giet trattata d-difiza tal-legittima difeza *in funditus*, u gie sostnut hekk:

"*Illi kif huwa ben saput, il-gustifikazzjoni ghall-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa' b' forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-fatt l-Artikolu 223 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid: 'Ma hemmx reat meta omicidju jew offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.'* "

In oltre, issir referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Zachary Vella'** deciza nhar it-3 ta' Mejju 2019, per Onor. Imhallef Edwina Grima, fejn intqal hekk:

*"… biex tirnexxi difiza li hija legittima, tali difisa trid tirrizulta, ghalinqas fuq bazi ta' probabilita', li l-appellant kellu xi bzonn attwali li jiddefendi ruhu minn xi perikolu ingust, gravi u inevitabbli u/jew li kien soggett ghal xi provokazzjoni li f' persuna ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci jqis il-konsegwenzi tad-delitt u li kienet twassal biex hu jirrejagixxi kif irrejagixxa. Dan kollu johrog mill-provi quddiem il-Qorti li ghandha tevaluta l-portata taghhom specjalment meta jkun hemm versjonijiet konfliggenti'* .[1]

Illi skont il-mibki **Professur Sir Anthony Mamo** sabiex din id-difiza tkun tista' tigi ravvizata huwa essenzjali li l-periklu attwali jkun wiehed kontra l-ligi (unjust), gravi u inevitabbli, u dan apparti l-proporzjonalita' rikjesta tar-ritaljazzjoni mill-attakk fuq il-persuna li tkun qed tiddefendi ruhha.

…….

Kwindi huwa evidenti li sabiex l-att difensjonali jkun gustifikat ghal dak li jirrigwarda dan l-element, din trid tkun ta' certu portata u ta' daqstant periklu. In oltre l-azzjoni kontra min qed jiddefendi lilu nnifsu trid tkun tammonta ghal reat vjolenti jew li jsehh f' tali cirkostanzi li jqajjmu biza ragjonevoli tal-periklu tal-hajja jew sigurta' personali ta' dak li jkun jew haddiehor.

Illi fir-rigward tal-inevitabbilta' Mamo jispjega dan l-element b' mod car billi jghid illi l-akkuzat irid jipprova illi '*the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided*' u li kwindi tissusisti jekk il-periklu in kwistjoni jkun immedjat (sudden), attwali u assolut. Ghal dak li jirrigwarda l-attwalita.' Mamo jghid illi '*if it (il-periklu) had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence*' , filwaqt li rigward l-assolut jghid illi

[1] Il-Pulizija v. Anthony Micallef, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' April 2009, per Onor. Imhallef Joseph Galea Debono.

l-periklu jrid ikun tali illi fil-mument taghha ' it could not be averted by other means.' "

Di piu' qieghda ssir referenza ghal sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali[2] fl-ismijiet **' Il-Pulizija vs Jonathan Camilleri'** deciza nhar l-20 ta' Ottubru, 2020 fejn dwar din id-difiza l-Qorti rriteniet illi:

*"Illi it-tlett elementi ta' dritt li huma dottrinalment mehtiega sabiex tigi applikat iddifiza tal-appellant u cioe' l-iskriminanti ghad-delitt tal-omicidju jew tal-offiza fuq ilpersuna, kif spjegati ben tajjeb fis-entenza Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixtihuma illi l-minaccja jew l-aggressjoni affaccjata trid tkun wahda gravi, ingusta u inevitabbli u wkoll illi r-reazzjoni trid tkun wahda proporzjonata ghal din ilminaccja/aggressjoni kif hekk ikkwalifikata* :-

"*Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f' dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b' xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f' dak ilmument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b' xi mod iehor.* "

Fermi dawn l-insenjamenti gurisprudenzjali, l-esponenti jikkontendi li meta huwa gie pprovokat u sussegwentament avvicinat ghat-tieni darba mill-parti leza Walid Jadalla Mohammed Abo Assaf, huwa kien qieghed jaffaccja

[2] Per Onor. Imhallef C. Scerri Herrera

theddida ingusta, gravi u inevitabbli u ghalhekk gie kostrett li jiddefendi lilu nnifsu bl-uzu tal-forza.

Dwar din id-difiza jehtieg li ssir referenza kemm ghall-affidavit ta' PS163 Robert Azzopardi kif ukoll ghad-deposizzjoni bil-gurament tal-parti leza ta' nhar il-15 ta' Settembru, 2020.

Mill-affidavit ta' **PS163 Robert Azzopardi** jemergi illi l-allegat vittma, meta ra lill-esponenti irrabjat wara li li beda jindaqq horn ta' vettura, ddecieda illi jwaqqaf il-karozza tieghu f' triq principali, jwaqqaf mal-genb, jistenna lill-vettura tal-esponenti tieqaf, sabiex javvicina lis-sewwieq tal-istess vettura u jfehmu li ma kienx hu illi kien qieghed idoqqlu l-horn.

Sussegwentament mill-istess affidavit jemergi illi l-parti leza ddecieda illi jbiddel il-verzjoni u jghid illi waqaf mal-genb ghax kien gie mghrassas mal-hajt u kellu jieqaf.

Is-sens komun jiddetta xorta ohra. Jekk ghal Assaf huwa normali li persuna jwaqqaf il-vettura tieghu fi triq arterjali bhalma hija Triq Aldo Moro fil-Marsa sabiex jispjega lil xufier iehor illi ma kienx hu li daqq il-horn, ghall-kumplament tal-poplu din mhix normali. Jekk ghal Assaf hija normali li persuna jiddeciedi li jwaqqaf il-vettura tieghu fi Triq Aldo Moro sabiex javvicina xufier iehor u jtih spjegazzjoni ta' min daqq il-horn, ghal haddiehor lanqas din ma hija normali?

Daqstant iehor mhux normali li Assaf principarjament jaghti verzjoni ghala ddecieda illi jwaqqaf il-vettura u sussegwentament ddecieda li jbiddel il-verzjoni u jghid illi waqaf ghax gie mghrassas bil-karozza.

Punt iehor illi jkompli jsostni t-tezi tad-difiza, ossia illi l-esponenti ikkawza tali offiza fuq il-parti leza sabiex jiddefnedi lilu nnifsu, temergi mill-kontro-ezami tal-istess parti leza. Matul il-kontro ezami tal-istess allegat vittma jemergi punt importanti li ghal raguni jew iehor Abo Assaf iddecieda li ma jghidux lil PS163 Robert Azzopardi huwa illi l-parti leza wara l-ewwel inkontru mal-esponenti ddecieda illi jmru lura gewwa l-karozza, jerga' ' johrog minn gewwa l-vettura tieghu, mexa tul ta' awla lejn il-karozza tal-appellant ghal darba ohra rega prova javvicina lill-appellant, fejn dan min-naha tieghu affrontat mill-parti leza ma kellux triq ohra ghajr illi jiddefendi ruhu.

Dan qieghed jinghad fid-dawl ta' dak deciz minn dina l-Onorabbli Qorti fil-kawza gia citata **' Il-Pulizija vs Jonathan Camilleri'** fejn il-Qorti rriteniet illi:

*"L-appellant jghid li fil-fatt agixxa b' dil-manjera biex jilqa' l-aggrressjoni tal-parte civile. Kien l-parte civile li induca dan l-incident meta nizel mill-karozza tieghu u mar jaffronta lill-appellant li kien bi kwietu fit triq. Din il-Qorti ghalhekk ser tilqa' d-difiza tal-legittima difesa sollevata mill-appellant u konsetgwentement sejra tirreovoka is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti."*

A bazi tas-suespost, abbraccjata t-tezi prospettata mill-appellant u abbinata mal-gurisprudenza hawn fuq iccitata li tfassal l-elementi legali mehtiega sabiex tissussisti l-iskriminanti tal-legittima difesa, l-esponenti umilment jemmen li t-tezi tal-legittima difiza f' dan il-kaz kellha u ghandha ssib akkoljiment.

**A.2 Dwar l-Element ta' Provokazzjoni min-naha tal-Parti Leza**

Dan l-aggravju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti.

Illi kif juri l-atti processwali u kif fl-ahhar mill-ahhar tirrifletti s-sentenza appellata, il-fatti kollha tal-kaz jippuntaw lejn il-fatt illi l-parte civile kellu sehem u s-sehem tieghu kien wiehed kbir ghal kuntrarju ta' dak li pprova jpingi fuq il-pedana tax-xhieda.

Provi illi juru illi dan l-allegat incident kien kollu frott provokozzjoni shiha u ingusta min-naha tal-parte civile, provokazzjoni illi l-parti leza ghamel minn kollox sabiex jitfaghha fil-genb u jonqos milli jirraportaha lil PS163 izda li harget fil-berah waqt il-kontro ezami tal-istess xhud.

Fil-ligi taghna, l-iskuzanti tal-provokazzjoni hija ammessa fil-kaz ta' omicidju volontarju jew offiza volontarja fuq il-persuna ai termini tal-artikoli 227 u 230 tal-Kap 9 jew fl-artikolu 325 dwar hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor. Bl-eskluzjoni tal-proviso tal-artikolu 227(d), il-provokazzjoni iggib maghha mhux liberazzjoni izda diminuzzjoni fil-piena f' kaz ta' sejbien ta' htija u fit-termini tal-artikolu 235, il-provokazzjoni ma tiswiex lill-hati jekk din ma tkunx sehhet fl-istess waqt tal-azzjoni provenjenti mill-parti offiza.

L-artikolu 227 li jitkellem dwar l-iskuzanti fl-omicidju hu applikabbli ghal kaz ta' offiza volontarja fuq il-persuna, ossia ghall-appell odjern, bis-sahha tal-artikolu 230 tal-Kodici Kriminalili jipprovdi li l-offiza volontarja fuq il-persuna hi skuzabbli fil-kazijiet maghdudin bhala skuza ghall-omicidju volontarju fl-artikolu 227(a), (b), (c) u (d) kif ukoll jekk l-akkuzat ikun provokat minn delitt ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna.

Illi l-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar l-iskuzanti tal-provokazzjoni. Fost ir-rekwiziti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali "illi f' nies ta' temperament ordinarju komunement

iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt." Skond il-Professur Mamo, il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju.

Fid-dawl ta' dan l-aggravju, huwa tajjeb li jigi mfakkar kif kien il-parti leza illi wara l-ewwel inkontru illi kien hemm bejn il-partijiet, il-parti leza ghogbu jerga johrog mill-vettura tieghu, jimxi bejn hames u ghaxar metri lejn id-direzzjoni tal-vettura misjuqa mill-esponenti u ghal darba ohra jerga javvicina lill-appellant.

Tenut kont tas-su espost, l-esponenti jaghmel referenza ghal sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti[3] ta' nhar il-25 ta' Frar, 2016 fl-ismijiet ' **Il-Pulizija vs James Farrugia'** fejn dwar dan l-iskuzanti, il-Qorti rriteniet illi:

> *"Dina r-reazzjoni aggressiva da parti ta' Camilleri sehhet meta l-appellat wassal lit-tifel taghhom iktar tard mill-hin miftiehem tant illi jidher illi Camilleri saret anzjuza u hekk kif rat lill-appellat irreaggixxiet b' mod aggressiv tant illi l-minuri li sadanittant kien ghadu bil-qieghda fil-karozza kien beda jirresisti milli ommu tohorgu mill-vettura u ghalhekk intrabat ma' ghonq missieru. L-appellat ghalhekk beda jipprova jikkalma lil Camilleri u hareg mill-vettura izda jidher illi hija kompliet bl-agir provokatorju taghha tant illi l-appellat spicca qabad u xejrilha daqqa ta' ponn biex b' hekk hija indarrbet fuq ghajnejha. Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi f' din is-sitwazzjoni l-iskuzanti imsemmija flartikolu 227(c) tirrizulta ippruvata."*

[3] Per Onor. Imhallef E. Grima

Di piu' qed issir referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali[4] fil-kawza fl-ismijiet ' **Il-Pulizija vs. Redent Roderick Borg'** deciza nhar it-18 ta' Mejju, 2011:

> *"Sammut hawnhekk nesa il-ftehim li kien hemm bejniethom u l-fatt illi l-imputat kien qed ihallas ghall-uzu ta' l-iskip daqs kemm kien qed ihallas hu. Ghalhekk ried jisfidah u irnexxielu jtellef is-sens ta' raguni lill-imputat li spicca tilef il-kontroll ta' l-azzjonijiet tieghu minhabba dina l-provokazzjoni ghal kollox ingusta da parti ta' Sammut u ghalhekk il-Qorti ser tilqa' dina il-linja difensjonali."*

Illi konsegwentament jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss jigi konkluz illi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta meta sabet htija taht it-tieni imputazzjonijiet, ghandu jigi kkunsidrat illi l-imputat agixxa f' daghdigha wara li gie provokat mill-parti leza stess. Dan kollu huwa relevanti fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 227 tal-Kodici Kriminali.

**B. Dwar il-Piena**

Dan l-aggravju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti u ghandu jigi kkunsidrat biss fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija tal-appellant ghat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

**B.1 Dwar il-Ksur tas-Sentenza Sospiza**

L-ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet illi:

> "Illi f' dan il-kaz is-sentenza mghotija kienet mill-Qorti tal-Appell fejn kien inghata sentenza sospiza ghal perijodu ta' erba' u ghoxrin xahar prigunerija sospizi ghal sentejn. Illi f' dan il-kaz, din is-sentenza nghatat fil-5 ta' Lulju 2017 u l-kaz gara f' Marzu 2019 u ghalhekk fil-perijodu operattiv ta' din is-sentenza. Illi stante li l-imputat gie misjub hati tat-

[4] Per Onor. Imhallef E. Grima (dak iz-zmien Magistrat)

tieni akkuza, din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati tali ikkommetta reat iehor fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza

…

… il-Qorti issibu hati tar-raba' (4) imputazzjoni u din il-Qorti wara li rat l-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna illi s-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat nhar il-5 ta' Lulju 2017 u cioe' dik ta' erbgha u ghoxrin xahar (24) pringunerija moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Onor Imhallef Dr A Mizzi, tigi fis-sehh stante illi r-reat li dwaru qed jinstab hati l-imputat gie kommess fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza."

Illi l-esponenti jaghmel referenza ghall-artikolu 28B (2) tal-Kodici Kriminali, li ghal kull buon fini qieghed jigi hawn citat:

*"(2) Jekk ir-reat l-iehor li jsir matul il-perijodu operattiv ikun wiehed ta' natura involontarja jew jekk, fil-kaz ta' xi xorta ohra ta' reat, il-qorti jkun jidhrilha, minhabba fic-cirkostanzi kollha maghdudin il-fatti ta' dak ir-reat iehor, li ma tkunx haga gusta li taghmel ordni bis-sahha tas-subartikolu (1), hija tista' tittratta mal-hati b' xi wiehed minn dawn il-metodi li gejjin –*

*(a) tista' tastjeni milli taghmel ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) u l-perijodu operattiv ghandu f' dak il-kaz jibqa' fis-sehh; jew*

*(b) tista' b' ordni tibdel l-ordni originali maghmul bis-sahha tal-artikolu 28A (1) billi minflok il-perijodu operattiv hemm specifikat taghmel perijodu li jkun jiskadi mhux iktar tard minn erba' snin mid-data tal-bdil."*

Illi minn dan jemergi illi hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti illi tkun qieghda tiggudika l-kaz illi taghzel jekk tordnax li s-sentenza sospiza ghandhiex tibda issehh.

L-intenzjoni tal-legizlatur wara l-implimentazzjoni ta' din id-disposizzjoni legali kienet propju sabiex il-gudikant ma jkollux idejh marbutin meta jsib illi persuna jkun kiser sentenza sospiza izda meta jara li l-persuna, minn meta kkommetta r-reat, rega' qam fuq saqajh, tghallem mill-izball u rriforma ruhu, il-gudikant ikun jista jaghti ordni li tali sentenza sospiza ma tigix fis-sehh.

Dan huwa l-istess ragunament illi jaddottaw diversi gudikanti meta jigu biex jitrattaw mal-akkuzat fir-rigward ta' ksur ta' sentenza sospiza. Referenza qieghda ssir ghal sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali[5] fil-kawza fl-ismijiet **' Il-Pulizija vs Jehiel Falzon'** deciza nhar it-2 ta' Frar, 2015:

> *"… qed issib lill-imputat Jehiel Falzon hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante r-refurtiva giet ritornata kollha* ***lura u stante li l-imputat qieghed juri li verament qed jirriforma ruhu tant li sab xoghol, mhux ser taghti piena karcerarja izda tiddisponi billi tiddikjara illi ssentenza fil-konfront tieghu datata 24 ta' April 2013 moghtija mill-Mag. C. Scerri Herrera terga' tibda tiddekorri mill-gdid****." (enfasi tal-esponenti)*

Dan huwa l-istess ragunament illi addottat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly et.'** deciza nhar id-9 ta' Ottubru, 2008 per Onor. Imhallef V. DeGaetano:

> *"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija."*

Applikat dan l-insenjament ghall-kaz odjern, ghandu jigi mfakkar illi r-reati mertu tal-proceduri odjerni sehhew madwar sena qabel. Matul din l-ahhar sena l-esponenti ghamel qabza ta' ggant f' dak li jirrigwardja r-riforma tieghu mit-triq tal-hazen, hajja illi l-esponenti kien qabad frott il-kumpanija hazina illi kien qieghed jaghmilha maghha dak iz-zmien.

Dan mhux jghidu l-appellant biss, izda tista' tixhdu u tikkonfermah bil-gurament taghha l-ufficcjal tal-Probation illi ilha ssegwi lill-appellant ghal dawn l-ahhar xhud.

Ghaldsaqtant, fl-umli fehma tal-esponenti, fid-dawl tac-cirkostanzi odjerni, l-ewwel Onorabbli Qorti kellha, minflok tapplika id-disposizzjonijiet tal-artikolu

[5] Per Mag. Dr. C. Stafrace Zammit

28B(1) tal-Kodici Kriminali, tapplika l-artikolu 28B(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna illi ghal din id-darba is-sentenza sospiza ma tidholx fis-sehh.

**B.2 Dwar l-applikabilita' tal-Artikolu 221(3) tal-Kapitolu 9**

L-artikolu 221(3) jistipula illi:

> (3) Meta l-effett, ikkonsidrat sew ghal dak li hu l-gisem tal-offiz kemm moralment, ikun ta' importanza zghira, l-akkuzat, meta jinsab hati, jehel –
>
> (a) il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa, jekk l-offiza ssir b' wiehed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 217, inkella fuq xi wahda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(a) u (b);
>
> (b) il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, f' kull kaz iehor.

Illi skond ic-certifikat mediku mahrug minn Dr Zachary Busuttil jemergi illi l-feriti sofferti minn Abo Assaf huma klassifikati bhala hfief

Dan kollu jinkwadra f' dak illi jiddisponi sub-inciz (3) tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Konsegwentament fl-eventwalita ta' sejbien ta' htija, stante l-applikabilita' tal-istess disposizzjoni legali, il-piena ghandha tkun fil-parametri stabbiliti fl-artikolu 221(3) u mhux xort' ohra kif ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti.

**B.3 Dwar il-Proporzonalita fil-Piena in kwantu tat-tieni imputazzjoni**

L-ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet illi gialadarba il-piena ta' xahrejn prigunerija effettiva hija entro l-parametri tal-Ligi (madanakollu anke dan huwa kkontestat stante l-applikabilita' tal-artikolu 221(3) tal-Kodici Kriminali), il-piena hija wahda idonja.

B' kull dovut rispett, imma l-esponenti ma jista' qatt jaqbel li piena ta' prigunerija effettiva hija wahda ekwa u gusta fid-dawl tac-cirkostanzi odjerni.

Dak li ma ghamlitx referenza ghalih l-ewwel Onorabbli Qorti huwa l-fatt li ai fini ta' kalibrar tal-piena, kien jinkombi fuq l-istess Qorti illi tassigura li l-piena mposta tkun konformi mal-principju ta' proporzjonalita.

Fid-dawl tal-premess qieghda ssir referenza ghall-artikolu 52 tac-Charter tad-Drittijiet tal-Bniedem li jipprovdi:

> *' Any limitation on the exercise of the rights and freedoms recognised by this Charter must be provided for by law and respect the essence of those rights and freedoms. Subject to the principle of proportionality, limitations may be made only if they are necessary and genuinely meet objectives of general interest recognised by the Union or the need to protect the rights and freedoms of others.'*

In oltre qieghda ssir referenza wkoll ghall-artikolu 49(3) tal-istess Charter:

> *The severity of penalties must not be disproportionate to the criminal offence.*

Fid-dawl tas-su espost qieghda ssir referenza ghal artiklu intitolat ' **Fundamental rights and punishment: Is there an EU perspective?'** ppublikat fl-ghaxar (10) volum ta' ' New Journal of European Criminal Law' fejn gie ritenut illi:

> *"Hence, the dialectic between the fundamental rights and punishment generates the two functions of penal sanctions: the security function, which aims at protecting the relevant legal interests against crime, and the guarantee function which aims at protecting individuals against excessive punishment. The former – also called the ' sword of the criminal law' – is to be pursued with respect for a number of fundamental rights and principles that are part of the joint heritage of the States abiding by the rule of law, which limits the otherwise unbound exasperation of punishment. In other words, fundamental rights also work as the ' bad conscience' of punishment and serve as a ' shield' against its possible excess.*
>
> *Thus, the double dimension of fundamental rights helps to strike the right balance between the interests of the State and of the individual in the context of punishment. Taking fundamental rights into account means a limitation of repression, as an instance of the principle of proportionality in a broader sense or principle of necessity of criminal intervention, which calls for the subsidiary or*

*ultima ratio nature of criminalization, as well as for the demand of maximum restriction or prohibition of excess of punishment."*

L-esponenti jinnota illi hemm numru ta' sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta)[6] illi hassew illi f' cirkostanzi u akkuzi simili ghal dawk rinfaccjati mill-esponenti, piena ta' prigunerija effettiva ma tkunx piena idonja.

In oltre hemm diversi sentenzi ohrajn fejn il-piena erogata mill-Qorti tal-Magistrati ghal-akkuzi simili ghal dawk migjuba kontra l-appellant kienet dik ta' prigunerija effettiva izda l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) hasset illi fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz inkluz izda mhux biss tal-fatt illi l-appellant kien 'first-time offender' u li tali agir ma rrepetix ruhu, piena ta' prigunerija effettiva ma kinetx wahda ekwa u gusta[7].

Kif jista' jinghad illi l-piena mposta fuq l-appellant hija wahda proporzjonali skond il-principju ta' proporzjonalita?

Fl-umli fehma tal-esponenti, piena ta' tmien xhur prigunerija effettiva hija wahda manifestament sproporzjonata u ghalhekk ghandha tigi varjata.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2021.

Ikkunsidrat,

Fl-ewwel agagravju l-appellant jsitqarr li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta hija strihet fuq il-vesjoni tal-fatti kif moghtija fil-vittma. Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti,

---

6 Vide passim 'Il-Pulizija vs William Mifsud' ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) nhar id-29 ta' Settembru, 2020, 'Il-Pulizija vs Darrin Mugliett ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) nhar id-29 ta' Novembru, 2018, 'Il-Pulizija vs Carmelo Sammut' ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) nhar l-24 ta' Ottubru, 2018

7 Vide passim 'Il-Pulizija vs Jean Pierre Frendo deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) nhar id-29 ta' Settembru, 2020 u 'Il-Pulizija vs Lawrence Galea' deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) nhar il-21 ta' Marzu, 2017

fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[8].

Illi ghalhekk din l-Qorti trid teamina mill-gdid il-provi imressqa quddiem l-ewwel Qorti u dan sabiex tara jekk id-diskrezjoniuzata mill-ewwel Qorti meta ghamlet l-apprezament tal-provi prodotti kienx wiehed 'safe u satisfactory'.

Rat l-affidavit prezentat milkl-prosekuzzjoni ta' PS 163 Robert Azzopardi. Dan ikonferm ali nhar it-8 ta' marzu, 2019 ghall-habta tal-10.30°.m waqt li kien xoghol l-ghassa tal-pulizija ta' Hamrun kien ircieva rapport li fi Triq Aldo Moro, Marsa kien hemm persuna li garbet feriti wara l ikient giet aggredita minn persuna ohra liwaqt liit-tnejn kienu qed isuqu l-vetturi taghhom fl-istess triq imsemmija. Fuq il-post mar PC 1479 Pace mill-RIU fejn dan infurmah li l-pesuna li sofriet il-griehu kien certu Abo Assaf Walid Jadalla Mohammed u li dan kien ser jitihed l-isptar minhabba l-griehi li kien garab.

Huwa mar ikellem lil din il-persuna Abo Assaf Walid Jadalla Mohammed gewwa -isptar Mater Dei u dan qallu li kien qed isuq il-ettura tieghu fi Triq Aldo Moro ghall-habta tal-10.15 u kien hemm vettura ohra quddiemu tal ghamla Skoda numru ta' registrazzjoi JMS 511. Spjega li x'hin qabez din il-vettura din bdiet idoqq il-horn u dehe irrabjat hafna u jghid xi kliem fd-direzzjoni tieghu.

Ghalhekk spejga li intefa mal-genb biexikun jsita jkelemlix-xuffier tal-vettura JMS 511 u jispejga ruu pero dan waqaf ftit 'l fuq minnu u nizel mil-vettura u mar fid-direzzjoi tieghu filwaqt li beda jigdem idu bir-rabja. Il-vittma stqarr ukoll li hekk kif din il-

---

[8] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991

pesuna li hu iddeskrivih bhala persuna li ghadha eta zghira mar fuqu u tah daqqa go sidru bil-kosnegwenza li waqa'ma l-art .

X'hin ra i gie aggredit, huwa hareg il-mobajl tieghu biex jigbd ritratt tal-vettura tal-pesuna li kient ghdha kif aggrediethu pero x'hin dan ra hekk komopla jirrabja u bedajghidlu bex ihassar ir-ritratt. X'hin il-vitm airrifjuta li jagheml dan ix-xuffier tal-vettura JMS 511 mar gol-vettura tieghu u hareg serrtiz u ta' daqqa biha g ras il-vittma. Xhud ta' dan kolly kien hemm il-mara tal-vittma certu Etidal Abou Assaf. Aktar l-alelgat vittma xtaq jiccara ukoll li dakinhar huwa kellu jieqaf mal-genb ghax ix-xuffier tal-vettura l-ohra ken rassu u b'hekk kellu jieqaf mal-genb. Huwa pprezenta ukoll kopja ta' filmat ta' l-incident li huwa kien ra fuq is-sit socjali facebook. Dan gie mghoddi liz-sezzjoni tal-Fotografija fejn gew sviluppati xi stills tal-incident.

Minn stharrig li sar rrizulta li fil-hin tal-incident msemmi l-vettura numru JMS 511 kienet qed tinstaw minn Brandon Lee Psaila . Dan gie mitkellem l-ghassa al-pulizija tar rabat fil-presenza ta' missieru Fabio Psaila wara li gie moghtu dritt tal-avukat fejn hu rrifjuta tali assistenza. Dan stqarr lkien qed isuq lejn il Belt u kien ix-xuffier tal-vettura Chevrolet u cioe Abo Assaf Walid Jadalla Mohammed li mar fuqu u hebb ghalih u laqtu n-naha tax-xellug ta' wiccu. Ghalhekk hu stqarr i imbuttah u wara dan Abo Assaf Walid Jadalla Mohammed aggredit b'hadida. Brandon Lee zied jghid li hu hadlu l-hadida minn idejgh u rga imuttah u dan waqa' ma l-art.

Huwa stqarr ukoll li ser jgib certifiakt mediku tal-griehi li kellu f';wiccu bhala kosnegwenza tad-daqa li qala' pero sa xahar wara baqa' ma pprezenta l-edba certifikat. Meta dan gie msitoqsi jekk jafx lil kwerelant ghandu tnax-il punt go rasu dan stqarrli ma jafx jekk dan laqatx rasu stes meta mar biex johodlu l-hadida minn idejh.

Sarah Said li tigi l-gharusa ta' Brandon Lee Psaila kkonfermat li l-incident sehh kif spjegat minn Psaila.

**Abo Assaf Walid Jadalla Mohammed** xehed nhar il-15 ta' Settembru, 2020 . Jghid li kien sejjer id-dar jigbor l-bagalji ghaliex kien ser isiefer flimkien mal-mara . Wasal il-Marsa u mieghu fil-karozza rikeb kien hemm martu. Kien hemm xi hadd ghaddej fitt-riq u daqq il-horn. Kien hemm persuna li qabzu u gie quddiemu u mit-tieqa beda

jidgh. Dan wiegbu 'Ibni ma daqqetx il-horn jien ma daqqejt il-horn ' u waqaf. Jghid li is-sewwieq waqaf quddiemu. Dan kien l-sitess pesuna li beda jidghi mill-karozza . Huw waqaf warajh. Izlu mill-karozza u dak il-hin waqfet karozza ohra misjuqa minn tfajla . Qal li minnufih dan ir-ragel mar fuqu u taq daqqa fu qsidru b'saqajgh u waqqghu ma l-art. Qal li ma kienx jaf li ser isawtu. Waqa' ma l-art u qam u mar fil-karozza tieghu. Fetah il-bieba gibed il-mobile tieghu mill-karozza u ha ritratt tan n-number plate tal karozza tieghu. Hadlu ritratt u mar warajh. Dan qallu 'hassa ir-ritratt, hassa ir-ritratt' Dan qallu li ma kienx ser ihassarha. Dan wiegbu li ma kienx ser ihassarir-ritrat tu li kien ser imur ghandu il-poulizija bih. It-fajla marret quddiemu u qalet 'le tghamilx hekk' u din indahlet bejniethom bix ma thallihx isawtu. Qal ukoll i gabar injama twila u sawtu biha f'rasu. Jghid li waqa' ma l-art u huwa harab jigri. Giet l-ambulanza u l-pulizija fuq il-post

Wara ftit mar ragel fuq il-mara tieghu li ma jafx min hu u taha kopja tal-filmat tal-glieda u martu tatu lilu. Jghid li qabel dan l-incident ma kienx jaf min hu l-aggressur tieghu. Mistoqsi fl-awla jekk jgharafx l-aggressur tieghu jindika lill-appellant. Huwa pprezenta UsSB li gie markat bhala dok WJ1 dwar l-akkadut. Muri r-ritratti esebit fl-atti u jgharaf ir-ritratti bhala dawk tal-incident fejn jgharaf l-aggressur u l-mara li kienet fil-kumpanija tieghu, Fuq ir-ritratti esebiti jgharaf kemm l-aggressur lil mara tieghu u l-persuna tieghu. Huwa esebixxa ukoll ic-certifikat mediku u l-biljett tal-ajru biex jindika li dakinhar huwa kien ser isiefer izda minhabba l-incident spicca ma sifirx.

In kontro esami jghid li l-appelant waqt li kien fil-karozza beda ihares lejh u jidghi u wara meta kienu waqfu l-karozza nizel minnha u mar hdejh. Dak il-hin qallu '*li mhux jien ibni li daqqejt il-horn, mhux jien mhux jien'*. Appena nizel mil-karozza l-aggressur avvicinath u tah daqqa f'sidru mill-ewwel. Qal li mad-daqqa waqa' ma l-art qam mexa lejn il-karozza fetah il-bieba tal-akrozza gabar il-mobile. Mistoqsi jekk saqx 'l hemm jghid li le . Mistoqsi jekk marx ghal vittma jichad b';mod kategoriku li ghamel hekk. Mar hdejn il-karozza tieghu biexjiehu in-numru taghha. Il-vettura tal-aggressur kienet bejn 12 u 15 metri 'l boghod minn fejn kieent il-karozza tieghu. Mistoqsi ghax ma hax ir-ritratt minn fejn il-karozza tieghu jghid li ma setax ghaliex kien hemm il-karozza tat-tfajla tieghu bejniethom. Mistoqsi jekk f'xi hin harigx xi hadida mill-karozza jghid li le. Jichad li fil-hin tal-incident kellu xi haga f'idu. Huw gabar il-mobile mill-karozza

wara li kien qala daqqa ta' sieq minghand l-appellant Ikkonferma li l-USB esebit jindika l-filmat ta' dak li gara dak in-nhar.

Rat id-dokument esebiti fl-atti b'mod partikoalric-certifikat mediku markat bhala dok WJM 2 rilaxxjat minn Dr Zachary Busuttil fejn Abo Assaf Walid Jadalla Mohammed gie certifikat li kellu 'lacertion Qound over the L temprparietal region u dawn il-griehi gew klassifikati bhala t antura hafifa. Rat dak li gie verbalizzat mid-difiza nhar il-15 ta' Settembru 2020 ( fol. 14) fejn ezentat lill-prosekuzzjoi mili tressaq bhal axhud lil Dr Zachary Busttil biex jikkonferma ic-certifikat rilaxxjat minnu u markat bhal adok WJM2.

L-akkuzat ma xehdx kif kellu kul dritt li jghamel u ghalhekk din il-Qorti bhala versjoni ta' dak li gara mill-apellant ghandha biss il-versjoni kif moghtija minnu lil PS 162 Robert Azzopardi a tempo vergine tal-investigazzjoni, liema xhieda tekwavali ghal *res gestae.* L-appellant ghazel ukoll i ma iressaqx lit-tfajla tieghu li kienet fuq il-psot tal-incident meta sehh.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta ts-6 ta' Mejju 2021 u l-appellant jghid li huwa kien gie aggredit mill-allegat vittma u kien iddefenda ruhu mill-aggressjoni tieghu. Jghid li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu meta f'xi hin l-vittma rassu bil-karozza huwanizel mill-vettura tieghu biex jara dak li kien gara u jekk kienx laqtu u dak il-hin l-vittma mar fuqu u hebb ghalih u laqtu n-naha tax-xellug ta' wiccu. Jghid pero li ghalhekk huwa imbotta lil Abo Assaf Walid Jadalla Mohammed u in segwit dan Abo Assaf Walid Jadalla Mohammed aggredih bil-hadida. Dak il-hin hadlu l-hadida minn idejgh u Abo Assaf Walid Jadalla Mohammed rega waqa' ma l-art. Min naha l-ohra l-vittma jghid li kien l-appellant li hebb ghalih tant li spicca b'ticrita fuq rasu. Jghid li l-appellant kien tah daqqa ta' sieq fuq sidru u waqa' ma l-art. Jichad li f'xi hin hebb ghall-appellant jew li hareg xi hadida mill-karozza biex jaghti biha. Jghid li huwa qala biss.

Ghalhekk din hija kwistjoni ta' kredibilita u ghalhekk din il-Qorti ghandha tara liema miz zewg xhieda deher l-aktar kredibbli fic-cirkostanzi.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull

dubbju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**[9], fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali fakret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.[10]

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail toprotect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothingshall of that will suffice."*

Fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et**[11] gie ritenut li:

> *"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Fil-kawza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[12] gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may,*

---

[9] Deciza nhar il-5 ta' Dicembru 1997

[10] Vide ukoll il-Pulizija vs Philip Zammit Deciza nahr is-7 ta' Settembru, 1994 moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

[11] Deciz fil-5 ta' Ottubru 1998

[12] deciza fid-19 ta' Mejju, 1997

*after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposingone."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk: "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza Pulizija vs. Joseph Thorn deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, ilQorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino**[13])."[14]

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** [15]:-

*"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire,spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**[16] fejn gie spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

[13] Moghtija fid 19 t' Ottubru 2006

[14]Ara wkoll Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), Il Pulizija vs. Mario Pace (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u Il Pulizija vs. Hubert Gatt (deciza fil-11 ta' Lulju 2013

[15] Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890

[16] Deciza fid-9 ta' Settembru, 2002

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi l-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis- sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi, kif se jaghzel is-sikkrana mill-qamh? It-twegiba nsibuha f'decizjonijiet li taw il-Qrati taghna:

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti*[17]

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Il-Pulizija vs Charles Bianco**[18]

l-Imhallef kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> *Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu in rebus suis, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Iddiskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif*

[17] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

[18] Deciza fit-23 ta' Jannar, 2007

*jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal- allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorregux" il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkazjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.*

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *'id-deċizjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz.*

Fil-kawza odjerna l-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz kollu fuq ix-xhieda ta' Abo Assaf Walid Jadalla Mohammed. Din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijet konfliggenti fejn Abo Assaf Walid Jadalla Mohammed min-naha l-wahda ssostni li l-imputat kien qabad u aggredih minghajr l-ebda raguni gustifikata meta l-appellant issopassah bil-vettura qabad jidghi mit-tieqa u waqaf quddiemu filwaqt li l-akkzuat min-naha l-ohra sostna meta tkellem mal-pulizijalikien qed jinvestiga ir-rapot ta' Abo Assaf Walid Jadalla Mohammed li kien l-appellant li mar jaggredih.

Din il-Qorti trid ghalhekk tevalwa jekk ix-xhieda ta' Abo Assaf Walid Jadalla Mohammed tistghax titwemmen u jekk din tistghax titqies bhala prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni fil-konfront tal-akkuzat.

Il-Qorti ezaminat il-USB esebit fl-atti u minn esami ta' l-sitess jirrizulta bic-car stante li kien l-vittma li identifika l-pesuni fil-video li l-appellant qabad bicca hadida twil speci ta' kanna u ta' daqqa lejn l-vittma u immedjatament wara mad-daqqa l-vittma jidher jaqa' ma l-art. Kif spjega ben tajjeb il-vittma l-vettura tieghu kien wara dik tal-akkzuat u li bejniethom kien hemm karozza ohra. Fil-video l-appellant jidher imur lura lejn il-

karozza tieghu jiftah il-bieba u jiehu xi haga minn gol-karozza. Huwa jghid li kien il-mobile tieghu. Dan hu possibli ghaliex fil-filmat ma jidher xejn li kien ta' xi daqs kbir kif donnu allega l-appellant li gabar il-hadida mill-vettura. L-appellant jghid li l-hadida kienet f'idejn l-vittma hu huwa irnexxilu johodha minn idejn l-vittma biex jiddefendi lilu innifsu pero min dan ma jidher xejn fil-filmat. Li jidher hu li l-appellant jmur fil-karozza tieghu jigbor il-kanna u jmur jaggredixxi lill-vittma. L-vittma jghajjat bid-daqqa li qala u vetturi li kienu ghaddejjin jdoqqu l-horn bil-ghan li l-appellant jieqaf jaggredixxi lill-vittma. Jidhru ukoll kif stqarr l-vittma t-tfajla tal-appellant li dahlet f'nofshom u tipprova twqqaf lill-appellant milli jkompli jaggredixxi lill-vittma. Fil-filmat tidher ukoll mart l-vittma hierga mill-vettura tieghu. L-vittma jghid li ma setghax jiehu in-numru tal-vettura ghalix kien hemm vettua bejniethom. Mil-filmat dan ukoll hu pruvat.

Huwa minnu kif stqarret l-ewwel Qorti l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-vittma jidhru li huma hafna iktar kredibbli fic-cirkostanzi.

Id-difza issostni fit-tieni aggravju taghha li l-appellant agixxa in legittima. Illi it-tlett elementi ta' dritt li huma dottrinalment mehtiega sabiex tigi applikat dina l-iskriminanti ghad-delitt tal-offiza fuq il-persuna, huma illi l-minaccja jew l-aggressjoni affaccjata trid tkun wahda gravi, ingusta u inevitabbli u wkoll illi r-reazzjoni trid tkun wahda proporzjonata ghal din il-minaccja/aggressjoni kif hekk ikkwalifikata :-

> "*Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f' dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok*

*biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor.'*[19]

Illi l-**Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali** ighid hekk dwar din l-iskriminanti:

*Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.*

Illi d-decizjoni ta` spiss iccitata fejn saret esposizzjoni legali ta' din l-iskriminati hija **Repubblika ta` Malta vs Domenic Briffa**[20] fejn inghad hekk :-

*"Sabiex wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza li twassal ghall-gustifikazzjoni jew non-imputabilita` (a differenza ta' semplici skuzanti - art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif diga` nghad, l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa necessarji, cioe` l-bzonn li l-minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggressjoni.*

*Dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", ighid hekk (pagna 104):*

*"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Dwar il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja, din il-Qorti, diversament komposta, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Frangisku Fenech**[21], wara li accennat ghall-kontroversja klassika bejn dawk li jghidu li jekk l-aggredit seta'

[19] Qorti tal-Appell Kriminali 20 ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Psaila'
[20] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-16 ta` Ottubru 2003
[21] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali firt-23 ta' Gunju, 1978

jahrab kien tenut li jaghmel hekk u dawk li jghidu li l-aggredit ma ghandu qatt jirtira, kompliet hekk:

"*Din il-Qorti hi tal-fehma li llum ma tistax izjed taccetta bhala proposizzjoni assoluta illi (barra, naturalment, mill-kaz tal-"commodus discessus") jekk l-aggredit seta' jevita l-hsara, allura kien tenut jahrab u illi jekk ma jahrabx ma jistax minhabba f'hekk jinvoka din l-iskriminanti; izda fl-istess hin ma tahsibx li tista' taghti salvakondott ghall-ispavalderija zejda. Dawn huma l-limiti gusti tal-kwistjoni u pjuttost milli tifformalizza proposizzjoni rigida applikabbli ghall-kazijiet kollha, din il-Qorti tippreferixxi li l-kwistjoni tigi risolta kaz b'kaz, u fuq l-iskorta tal-principji salutari li jiggovernaw dan il-kaz klinikament tipiku ta' gustifikazzjoni.*"

*Din il-Qorti, kif issa komposta, tazzarda zzid li l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi: l-agent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-perikolu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta', billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, facilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura, jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element tal-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja. Jekk, pero`, mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta' l-inevitabilita`. [22].*"

Mela l-agent irid ikun qed jirreagixxi (ghall-aggressjoni jew minaccja minnu ga` percepita bhala ingusta u gravi) proprju biex ma jhallix il-hsara mhedda ssehh. Jigifieri s-sitwazzjoni trid tkun wahda fejn l-aggressjoni jew minaccja x'aktarx issir wahda verament inevitabbli, u mhux semplicement prezunta li hi inevitabbli. A propozitu tar-rekwizit ta' l-attwalita`, il-gurista Taljan **Francesco Antolisei** jghid hekk:

*"Il codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente', dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula [pericolo attuale] si e` voluto porre in rilievo che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e` pericolo presente.*

---
22

*Pertanto, un pericolo meramente futuro, e cioe` la probabilita` che in seguito si verifichi una situazione pericolosa non basta; e se ne comprende la ragione, giacche` in tale caso l'aggredito ha la possibilita` di invocare efficacemente la protezione dello Stato"*

Illi r-*ratio legis* wara l-istitut tal-legittima difiza huwa d-dritt ghal awto-tutela ta' persuna jew tal-gheziez taghha, b`tali mod illi qtil isir gustifikat. Dan isehh meta persuna tkun sabet ruhha wicc imb'wicc ma` agressjoni ngusta tant illi ma tkunx tista' tirrikorri ghal mezzi ohra biex tahrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex iharisha mill-periklu. Tispicca ghalhekk kostretta tuza mezzi hija stess biex thares lilha innifisha minn dak il- periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli. Id-dritt penali Taljan fil-fatt isemmi bhala zewg rekwiziti ghall-awto-tutela dik tan-necessita' u tal-kostrizzjoni :-

"*La necessità di difendersi e la costrizione sono due elementi diversi ma tuttavia connessi. Necessità di difendersi significa che la reazione deve essere difensiva, e quindi non aggressiva, nel senso che deve essere un'azione che si contrappone ad un'altra azione uguale e contraria, o perlomeno analoga.*

*La costrizione implica che la legittima difesa non possa essere invocata tutte le volte che il soggetto aggredito aveva altre modalità di difesa (ad esempio quando poteva sottrarsi al pericolo con la fuga, oppure chiamando un agente nelle vicinanze). Il soggetto infatti deve essere costretto, cioè trovarsi in una situazione implicante impossibilità di scelta.*

*Si ha costrizione quando il soggetto subisce l'alternativa tra il reagire o tollerare l'attacco esterno senza esserne l'artefice. Ciò si verifica quando tale alternativa non è causata o accettata dall'aggredito o quando egli non possa sottrarvisi senza pregiudizio. Non è, pertanto configurabile la costrizione se il soggetto agente abbia agito non per scopo difensivo, ma per risentimento o ritorsione (Sez. 1, n. 3200 del 18 febbraio 2000) o in un contesto di sfida reciproca (Sez. 5, n. 7635 del 16 novembre 2006; Sez. 1, n. 365 del 24 settembre 1999). La legittima difesa non è neppure invocabile da parte di colui che accetti una sfida o si ponga volontariamente in una situazione di pericolo dalla quale è prevedibile o ragionevole attendersi che derivi la necessità di difendersi dall'altrui aggressione*.[23]"

[23] http://www.altalex.com/documents/news/2017/07/03/legittima-difesa-o-licenza-di-uccidere

Jekk allura l-aggredit ikollu l-ghazla fil-mument tal-agressjoni u cioe' jekk ikun possibbli ghalih li jevita dak il-perikolu jew ikun jista' jfittex l-ghajnuna mill-awtoritajiet u jonqos milli jaghmel dan, izda jaffaccja l-periklu huwa stess, allura jigi nieqes il-kuncett tal-awto-difeza.

Fil-fatt id-dritt penali Taljan jippresupponi zewg rekwiziti ghall-applikazzjoni ta` din l-iskriminanti :-

> ***L'accertamento della legittimità va infatti operato in due momenti differenti, il primo avendo riguardo all'offesa e al pericolo da questa generato, il secondo avendo riguardo invece alla difesa vera e propria.***
>
> ***La legge richiede in primo luogo che si agisca per difendere un diritto contro un'offesa ingiusta. Il significato di questo punto è sufficientemente chiaro e univoco da non richiedere specificazioni.***
>
> ***Secondo e ultimo requisito per potersi legittimamente difendere è che il pericolo causato dall'offesa sia attuale, escludendo così tutti i casi in cui questo sia già esaurito o debba ancora verificarsi.***[24]

Sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat, l-att ta' agressjoni jrid jkun ta' ċertu portata u ta' periklu u jrid jammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew tas-sigurta` personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor. Dan ghandu jkun determinat minn min hu imsejjah biex jiggudika billi jigi applikat it-test soggettiv li jfisser illi l-gudikant irid jidħol fiż-żarbun tal-gudikabbli skont il-każ sabiex igharrbel il-hsibijiet u l-emozzjonijiet tieghu fil-mument illi huwa jkun ġie rinfaċċjat bil-periklu.

Soġġettivament din il-Qorti tqis li l-imgieba tal-appellant setghet tigi evitata u essenzjalment lanqas kien hemm il-ħtieġa tagħha peress li t-theddida kif prospettata *ex lege* ma kienitx aktar tissussisti. Barra minn hekk, u in sostenn ta' dan kollu, l-azzjonijiet tal-appellant ma kenux proporzjonati tenut kont tal-fatt li l-vittmi lanqas biss kienu armati u tenut kont ukoll tan-natura tat-tilwima li nqalghet, kif din skalat

[24] http://www.altalex.com/documents/news/2017/07/03/legittima-difesa-o-licenza-di-uccidere

u finalment kif spiċċat ħesrem qabel ma ġew sparati t-tiri mill-appellant. Dan huwa wkoll ċar mill-kuntrast evidenti tan-natura tal-feriti riskontrati mill-appellant u mill-vittmi li jkomplu jikkonfermaw li l-aġir tal-appellant ma kienx necessarju fiċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Illi fil-kaz in desamina ma jidhirx likienhemm xi mument meta l-appellant kien affrontat b'xi minaccja jew theddid izda kien prorpju hu stess li kkreja l-minaccja versu l-vittma tant li sahansitra anke tah daqqa fuq rasu u ferrieh kif deskritt minn Dr Zachary Busuttil u kif muri fir-ritratti esebiti. F'idejn l-vittma fl-ebda hin ma jidher li kien hemm xi haga li setgha iwegga lill-appellant biha. Lanqas ma jidhirx fil-filmat li l-vittma f'xi hin aggredixxa lill-appellant u bhala rizultat l-appellant irreagixxa. Xejn minn dan kien l-appellant li qabad u mnn rajh ferra lill-vittma u dan wara li kien qabzu bil-vettura u wara li kien gja beda jidghi mit-tieqa. Kien l-intervent tat-tfajla tal-appellant li dan l-incident ma kellux xi rizultat aktar disastruz.

L-appellant ighamel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Jonathon Camilleri</u>** [25]fejn dakinhar din il-Qorti laqghet id-difiza tal-legittima difesa.Bir-rispett kollu pero l-fatti specie ta' dan il-kaz ZGUR li mhumiex identici ghal dan il-kaz u dan ghaliex fil-kaz appena imsemmi kien l-allegat vittma li spicca ferut li aggredixxa lill-appellant meta telgha jigri t-tarag u hebb ghaliex meta kienu fil-parti ta' fuq tat-tarag u kien f'dak il-hin meta l-appellant Camilleri kien imbutta lil vittma minn fuqu.

Fit-tielet lok l-appellant qed iqanqal l-iskuzanti tal-provokazzjoni pero ma jindikax taht liemasub artikolu qed iqanqal tali skuzanti. L-appellant jghid fir-rikro tal-appell li l-iskuzanti tal-provokazzjoni hija ammessa fil-kaz ta' omicidju vokontarju jew offiza volontarja fuq il-persuna ficc-irkotanzi moghtija fl-sitess artikolu 227. Pero minn esami ta' dan l-artikolu ma jidhirx li wiehed mis-sub incizi hem miktuba japplikaw ghal kaz in desamina u u dan ghaliexx l-iskuzanti tal provokazzjoni kif ravvizati fl-Artikolu 27 (a) (b) (c) u (d) huma nieqsa u ghalhekk tali aggravju qed jigi michud minnufih.

[25] Deciza fl-20 ta' Ottubru, 2020

Fir-raba aggravju l-appellant bla pregudizzju ghall-aggravji l-ohra tieghu jilmenta mill-piena moghtija u dan ghaliex fil-fehma tieghu hija wahda eccessiva. F'dan il-kaz l-appellant inghata piena ta' xaghrejn prigunerija u mhux tmien xhur kif imsemmi fir-rikors tal-appella mill-appellant u dan ghat-tieni akkuza li taghha instab hati u talli huwa recidiv. Dan ir-reat huwa dak imsemmi fl-artikolu 221 (1) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u f'kaz ta' htija l-piena li pprovda l-legislatur bl-ammenda li saret bl-Att XXXII hija dik sa mhux izjed minn sentejn prignerija jew multa. l-appellant jghid li l-ferita subita mill-vittma hija wahda ta' importanza zghira u ghalhekk l-ewwel Qorti messha applikat l-artikolu 221 (3) fejn il-piea ravizata fil-kodici hija dik sa massimu ta' tlett xhurpriguneriја jew il-multa basta ma tkunx akkompanjata b'wahda mic-cirkostanzi imsemmija fl-artikolu 217 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Jigi imfakkar li d-difiza ezentat il-prosekuzzjoni milli tressaq lit-tabib biex jikkonferma ic-certifikat esebit minnu. F'dan ic-certifikat hemm imnizzel li l-appellant kellu *lacero contused wound* u uddeskriva l-ferita bhala wahda ta' ntura hafifa. Mir-riratti mehuda ftit wara l-incident jidher li l-vittma kellu numru ta' sutturi fuq rasu. It-tabib jiddiskrivi l-ferita bhala ta' natura hafifa u imkien ma jghid li hija ta' importanza zghira. Din il-Qorti kuntrarjament ghall-ewwel Qorti ma kellhiex il-fakolta li tara l-vittma u icto oculi tara x'tip ta' ferita hemm biex tara jekk il-gerha ghadiex tesisti. Ghalhekk din il-Qorti trid toqghod fuq l-apprzzament tal-provi li saru mill-ewwel Qorti.

F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diverament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** [26]fejn inghad li:_

> *Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif*

[26] Deciza nhar it-20 ta' Lulju 2004. Appell Kriminali Numru. 193/2003

*setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl talprovi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza. U huwa proprju dan li jidher li ghamlet l-ewwel qorti, u cioe` li wara li qieset mhux biss id-deposizzjonijiet tat-tobba izda wkoll dak kollu li rrizulta minn deposizzjonijiet ohra – inkluza d-deposizzjoni ta' Rita Ebejer – waslet ghall-konkluzzjoni li l-imsemmija Ebejer garrbet offiza ta' natura gravi fit-termini tal-Artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali, u li din l-offiza kienet ir-rizultat dirett tal-intervent ta' l-appellant. Din il-Qorti ma ssib ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddipartixxi minn din il-konkluzzjoni. Ghalhekk dana l-aggravju qieghed ukoll jigi respint.*

Fid-dawl tas-suespost ghalhekk din il-Qorti ma hiex tal-fehma li ghandha tiddisturba in-natura tal-ferita kif dskritta mil-ewwel Qorti fil-gudizzju taghha. Ghalhekk l-aggravju tal-appellant imsemmi fis-sub inciz B.2 qed jigi respint

Jibqa biss ghalhekk li din il-Qorti titratta ma l-ahhar aggravju u cioe dak tal-proprozjonalita in wkantu ghat-tieni imputazzjoni. Isostni li l-piena imposta ta' xaghrejn prigunerija hija wahda eccessiva u mhux konformi tmal-principju ta' proporzjonalita. Jinghad li ghal dan ir-reat l-ewwel Qorti setghet tikkundanna lill-appellant sa sentejn prigunerija . Oltre dan stante li isntab hati talli huwa recidiv setghet ukoll tawmenta l-piena bi grad jew zewg gradi skond l-atikolu 49 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Ghalhekk bi grad il-piena kienet tkun ta' tlett snin ai termini tal-artikolu 688 (b) (ix) u jekk b'zewg gradi ghal erba' snin (artikolu 688(b) (viii). Ghalhekk l-massimu li l-ewwel Qorti setghet tikkundanna lill-appelllant ghar-reat kif prospettat fit-tieni akkuza kien sa erba' snin pero ghazlet li tikkudnnah xaghrejn prigunerija.

Din il-qorti rat ukoll il-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti u rat li minkejja li ghad ghandu 23 sena diga ghandu registrat fuqha diversi reati fosthom diversi serqiet, arrest illegali, ricettazzjoni ikkaguna biza lil Doris Vella biza li ser tintuza vjolenza kontriha.

Rat ukoll r-rapport tal-Ufficcjal tal-Probabtion u minn esami ta' l-istess jirrizulta li Psaila ilu jagħmel użu mill-kannabis sa minn mindu kellu ħmistax-il sena għalkemm stqarr maghha li għamel perjodu wieqaf minnha. Huwa qal li għandu d-dokument neċessarju sabiex jagħmel użu mill-medical marijuana iżda li s'issa għadu qatt m'għamel użu minnha. Kampjuni tal-urina li ttieħdu ġewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole fis-17 ta' Marzu u 16 ta' April, 2021 rispettivament irriżultaw fil-pożittiv għas-sustanza tal-kannabis. Ghalhekk jirrizulta li minkejja li l-appellant kellu din is-sentenza ta' prigunerija imdendla fuq rasu xorta baqa' iwebbes rasu u jibqa' jiehu d-droga. Fil-pjan ta' kura li ghamlet l-ufficcjal tal-probabtion jirrizulta li did-dawl tal-informazzjoni miġbura għall-fini tar-rapport taghha , filwaqt li jkun għaqli jekk Brandon Lee Psaila jkompli jsostni r-relazzjonijiet li għandu ma' dawk ta' madwaru li l-iktar joffrulu sostenn, ikun ta' benefiċċju għalih jekk jindirizza l-aspetti trawmatiċi li għadda minnhom f'ħajtu permezz ta' għajnuna psikoloġika. Ikun ta' ġid ukoll jekk huwa jindirizza d-dipendenza li għandu fuq is-sustanza tal-kannabis

F'dan il-kwadru ghalhekk u in vista tan-natura tal-offiza l-piena imposta fir-rigward it-tieni akkuza u talli hu recidiv kienet wahda lejn il-minimu izda taqa' fil-parametri tal-ligi .

Dwar ir-raba akkuza u cioe' lil-appellant kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perijdou operattiv tas-sentenza sospiza moghtija lilu mill Qorti tal-Appell fil-5 ta' Lulju, 2017. Din is-sentenza hija markata bhala dok RA2.[27] Jidher li dan il-perijdou operattiv ta' din is-sentenza jigi fit-tmien taghha fil-5 ta' Lulju 2019. Ghalhekk ir-reat li tieghu qed jinsab hati permezz ta' din is-sentenza gie kommess waqt il-perijodou operattiv ta' din is-sentenza u ghalhekk sewwa ghamlet l-ewwel Qorti li ordnat li l-perijodu ta' prigunerija ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar jigu rezi operattivi.

Din il-Qorti ghalhekk qeda issib lill-appellant hati tat-tieni tar-raba akkuza u talli huwa recidiv.

[27] Fol. 40

Din il-Qorti qeda ghalhekk tikkonferma l-ewwel sentenza moghtija kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigwad tal-piena u tordna li l-piena inflitta fl-ewwel sentenza tigi fis-sehh.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Dirttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin bil-ghan li jaghti l-ghajnuna kollha mehtiega lill-appellant sabiex jkompli jsostni r-relazzjonijiet li għandu ma' dawk ta' madwaru li l-iktar joffrulu sostenn, u sabiex anke jindirizza l-aspetti trawmatiċi li għadda minnhom f'ħajtu permezz ta' għajnuna psikoloġika. In oltre ikun ta' siwi jekk id-Direttur jghin lill-appellant jindirizza b'mod serju d-dipendenza li għandu fuq is-sustanza tal-kannabis.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Depuatat Registratur